*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 3*

***6.00p.m 8 t'Awissu 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *3.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

3.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija. Kien f'dan il-ħin li s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsill sabiex issir minuta silenzju b'apprezzament tax-xogħol li wettaq f'ħajtu s-Sur Charles Turner li kien il-Kaxxier fil-Kumitat Festi Esterni Trinita' Qaddisa.

## *3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

3.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 1 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill beda' għaddej b'diversi laqgħat fosthom dawk mall-LESA fejn min naħa tal-amministrazjoni tal-Kunsill diġa' ntabgħatet email għall-approvazzjoni mil-Data Protection Unit, u rċevejna kwotazjoni fuq cameras bl-istess resolution li urewna l-LESA fil-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kellu laqgħa oħra mall-Ispettur tal-lokal u s-Supratendent, kif ukoll mall-Onorevoli Aaron Farrugia dwar il-fondi tan-Norveġja fejn ser ikun hemm il-possibilita' ta' fondi fuq proġett soċjali li jlaħħqu sa massimu ta' €100,000.

3.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħala Sindku ġie mistieden jattendi l-laqgħa tar-Reġjun Xlokk fost 15-il Sindku ieħor li jagħmlu parti min dan ir-reġjun. Huwa qal li il-Kunsill ser ikun qed jieħu tlett 'cigarette bins' b'xejn bħala parti min kampanja li tnaqqas il-ħmieg fit-toroq.

3.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Membri tal-Kunsill li matul il-gimgħa li għaddiet ġie avviċinat mis-Sur Ivan Mifsud ta' Mifsud Brothers u li huwa wkoll il-Konslu tal-Afrika t'Isfel. Kienet laqgħa kordjali ħafna fejn is-Sur Mifsud wera' l-imħabba tiegħu lejn il-Marsa u kemm din il-lokalita' għandha rabta' mall-familja tiegħu li tmur lura sas-sena 1870. Is-Sur Mifsud huwa kommess li joffri b'xejn 'seabin' għall-lokalita' li tiswa xejn inqas min €5,000.

3.3.4 Finalment is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-bieraħ stess ġiet konsenja ta' tarmak sabiex jintlew ħofor zgħar. Madanakollu, sabiex jintlew ħofor kbar bħal dik ta' Triq is-Serkin il-Kunsill sab kuntrattur wieħed li lest jibda x-xogħol wara Settembru. Kumpaniji kbar tat-tarmak m'humiex lesti li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol. Sadanittant, il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li r-raġel tagħha li jaħdem fuq dan ix-xogħol huwa lest li joffri t-tarmak u x-xogħol b'xejn lill-Kunsill. Il-Kunsilliera rringrazzjaw lill-Kunsillier s-Sinjura Charmaine Aquilina ta' dan il-ġest sabiħ.

## *3.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

3.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li flimkien ma oħrajn rċieva email mill-Kunsillier is-Sur Colin Pace dwar tindif li l-Kunsill jista' jagħmel fuq wara ta' Triq l-Imgiered. Filwaqt li huwa emfasizza li mhuwiex kontra barra l-konfini tal-lokal huwa importanti li ħadd ma jwiegħed li jkun hemm tindif mill-Kunsill f'żoni li mhumiex parti mill-lokalita' tal-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament u qal li ser jinforma lill-Cleansing direttament dwar din iż-żona.

3.4.2 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri staqsa lis-Sindku dwar fiex waslu d-diskussjoni mall-Club tal-football u dwar il-ħinijiet li fihom qed jingħalaq il-pitch tal-football. Is-Sindku qal li ser ikun qed tiġi skedata laqgħa mall-Club u l-Kunsill. Sadanittant is-Sindku qal ukoll li jumejn ilu kellu laqgħa mall-Kap tal-Iskola Tereza Nuzzu fejn ġie kkonfermat li mhux qed jsir l-ebda qliegħ mill-użu tal-pitch.

3.4.3 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri qal li l-Kunsill hemm bżonn ikellem l-amministrazzjoni tat-Tug Malta minħabba t-tħaħħen li dawn qed jiġġenerraw fil-Marsa. Meta d-dgħajjes jinxtegħlu tiġi ġġenerata daħna kbira ħafna u l-magni iżżommuhom mixgħuwlin għall-ħafna żmien. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel li ssir laqgħa mall-amministrazzjoni tat-Tug Malta sabiex inwasslu dawn l-ilmenti tar-residenti kkonċernati.

3.4.4 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri staqsa dwar kif il-Kunsill ser jagħmel sleeping policemen fi Triq Isouard u Triq San Frangisk bil-possibilita' li dawn issiru bir-rubber sabiex jitnaqqas l-istorbju. Dan hekk kif qed jirċievi diversi lmenti min residenti dwar sewqan eċċessiv fl-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li dan għandhu bżonn isir.

3.4.5 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri qal li il-kwistjoni t' Albertown hija waħda serja' u hemm bżonn li fil-laqgħa li ser ikollu l-Kunsill għada mall-Onorevoli Herrera din tiġi indirizzata. Hemm bżonn li jkun hemm enforcement officers li jintbgħatu fil-post sabiex jieqfu l-illegalitajiet fl-akwata. Il-Viċi Sindku saħaq ukoll li l-Kunsill għandhu bżonn li jkollu f'idejħ ir-rapport tas-Sanita' dwar dan il-post. Is-Sindu is-Sur Josef Azzopardi qabel ma dawn il-punti u qal li l-Kunsill ser ikun qed jressaq dawn l-ilmenti direttament lill-Ministru sabiex tinstab soluzjoni dejjiema u effettiva.

Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace daħal fis-seduta fis-6.23p.m.

3.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq dwar l-importanza li l-Kunsill jżomm il-pożizzjoni tiegħu dwar il-mini pitch tal-football li dan il-pitch huwa tal-Kunsill u ġie rranġat bi flus il-Kunsill u għalhekk hemm bżonn li l-Kunsill ikun magħqud biex ħadd ma jieħu taħt idejħ dan il-pitch wara li fis-snin li għaddew kien sar ftehim ċar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dak li qal il-Kunsillier u saħaq li sall-laqgħa li jmiss il-Kunsill ser ikun tkellem mall-Club tal-Marsa FC sabiex nispjegaw eżattament x'kien il-ftehim li sar mall-Kunsill fis-snin li għaddew.

3.4.7 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet sabiex il-Kunsill jkellem lis-sid tal-art li hemm fi Triq Mattew Callus sabiex issir boundary wall bil-għan li ma jibqgħux jarmu iż-żibel f'dik

il-kantuniera. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jkellem lil min hu kkonċernat sabiex effettivament isir dan il-ħajt.

3.4.8 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina infurmat il-Kunsill li f'Qormi road ħafna karozzi qed isuqu bl-addoċċ. Għalkemm ċemplet l-għassa tal-Ħamrun dawn xorta waħda ma ġewx. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi saħaq li l-aħjar soluzjoni hija li l-Kunsill jibqa' jisħaq mall-Pulizija dwar il-bżonn ta' solveljanza f'dawn il-postijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono daħal fis-seduta fis-6.30pm

3.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fil-jiem li għaddew il-Ministru tal-intern l-Onorevoli Michael Farrugia ħabbar proġett pilota tal-Community Police fil-lokalita' tal-Mellieħa. Filwaqt li saħaq li dan il-proġett pilota huwa wieħed pożittiv kien ikun ferm apprezzat jekk dan sar ukoll fil-Marsa. Għaldaqstant qed jitlob sabiex il-Kunsill jitlob li ssir laqgħa mall-Onor Michael Farrugia sabiex nitolbu li dawn il-Community Police ikunu preżenti fil-Marsa wkoll. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din l-inizjattiva u qal li ser ikun qed jitlob li ssir laqgħa mall-Onorevoli Michael Farrugia.

3.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab lill-Kunsill sabiex isiru laqgħat mall-għaqdiet tal-komunitajiet tal-barranin fil-lokalita' sabiex dawn jiġu' nfurmati bl-iskeda tal-ġbir tal-iskart minħabba li ħafna minnhom qed joħorġu l-iskart mhux fil-ħin tiegħu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u ser jara kif dawn l-għaqdiet ikunu infurmati b'din l-iskeda.

3.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal jekk il-Kunsill huwiex ser jieħu sehem fil-World Clean up day li fihom jiġu' nkużi l-għaqdiet fil-lokalita'. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel li l-Kunsill jieħu sehem f'din il-attivita', hekk kif ġie infurmat mid-Dipartiment li hemm xi fondi għan dan il-għan.

3.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill għandhu jara mad-dipartiment jekk huwiex possibli li jimpjega kenniesa mall-Kunsill dirett. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jistaqsi dwar din il-possibilta', madanakollu huwa ċert li f'tender ġdid l-ammont ta' kenniesa ser jiżdied għal erba' kenniesa.

3.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa ir-raġuni għaliex it-tindif min Ambjent Malta ma tkompliex kollhu f'Belt il-Ħażna. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar it-tindif li saret f'art privata. Kien hawnhekk li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer faħħar ix-xogħol li sar min Ambjent Malta u talab sabiex issa jkun il-Kunsill li jitlob sabiex it-tindif li beda' jkompli jsir fl-istess triq u jitneħħa kollox. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li filwaqt li t-talba inizjali għat-tindif ma saritx mill-Kunsill huwa m'għandhu l-ebda problema biex issa jkun l-istess Kunsill li jitlob għal dan it-tindif. Huwa qal li bħala Kunsill ma jistgħax jagħmel xogħol f'art privata.

3.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qajjem il-punt li Triq il-Jum mhux qed jiġi msaqqi u hemm bżonn li f'numru ta' toroq bħal Triq Feliċjan Bilocca ssir ħasla tajba. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar it-tisqija ser ikun qed jibqa jinforma lill-kuntrattur u jekk dawn jibqgħu ma jsirx ser ikun qed jitħlu fis-seħħ penali li jitnaqqsu mill-flus imħallsa lill-kuntrattur. Dwar il-ħasil ta' Triq Feliċjan Bilocca is-Sindku qabel li din ser issir mill-aktar fis u apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-culverts.

3.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li matul dawn l-aħħar jiem kellu laqgħat maż-żewġ kapillani tal-Paroċċi Marsin. Kien hawnhekk fejn huwa qal li l-Kapillani huma dispoti li joffru l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill jekk kemm-il darba jkun hemm attivitajiet fejn jistgħu jkunu ta' għajnuna. Il-Kunsillier qal ukoll li jixtieq li jiġi kkrejat sottokumitat għall-anzjani bil-għan li jkun hemm għarfien akbar għal problemi tal-anzjani fil-lokalita'. Il-Kunsillier xtaq jwassal ukoll l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li sar fuq ir-rampa perikoluża fi Triq Isouard ma Triq il-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rringrazzja lill-Kunsillier tal-inizjattivi li qed jieħu favur l-anzjani fil-lokalita' u qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li jsiru attivitajiet li fihom jieħu sehem attiv l-anzjani.

## *3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

3.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2019 annessa. Wara li ħaddmill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *3.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

3.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ġie nfurmat dwar il-Premju Anzjanita' Attiva 2019 fejn jingħata premju għal dawk il-persuni jew għaqdiet li jippromwovu l-Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill jista' jinnomina anzjani jew organizzazzjonijiet sa mhux iktar tard mill-11 ta' Settembru 2019.

3.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Regina qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jkun hemm fire engine biswit il-post ta' fejn ser jinħaraq in-nar tal-Festa. Sadanittant, kien hemm diskussjoni dwar fejn ser ikunu qed jitpoġġew mobile toilets għall-istess festa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

3.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali ħadmet biex il-Kunsilli Lokali jerġaw jingħataw il-fondi biex ikunu jistgħu jimplimentawu jfasslu inizjattivi kulturali u soċjali. Il-bilanċ tal-Kunsill tal-Marsa huwa ta' €10,399.57.

3.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva damage claim fuq inċident li seħħ fi Triq ix-Xwieni fejn kien hemm ħofra fl-art u ġarbet xi ħsarat fuq il-vettura tagħha. Wara diskussjoni qasira ġie miftiehem li l-claim għandha titħallas. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *3.7 Diskussjoni dwar il-ħin tal-ġbir ta' l-Iskart*

3.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa l-Membri tal-Kunsill jekk huma jaqblux dwar bidliet fil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart fejn l-iskart jibda' jinġabar fis-7.30a.m minflok fil-ħin attwali li huwa fit-

tmienja. Kien hemm diskussjoni dwar dan u l-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li minħabba li daħal avviż legali huwa importanti li l-ħin tat-tmienja jibqa' jinżamm, bl-eċċezzjoni tal-akwata tal-korsa fejn l-iskart jista' jibda jinġabar qabel. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma dan u warta li ħadd ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

3.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jara l-possibilita' li l-borza l-ħadra ma tibqgħax tinġabar darba biss iżda tiżdied għal gurnata oħra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill m'għandhux problema jistaqsi dwar din il-possibilita'.

3.7.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li huwa importanti li l-kuntrattur tal-iskart jiġi nfurmat li l-ħaddiema bdew igeddsu l-boroz u meta ġibdet għall-attenzjoni tiegħu li din hija prattika sbaljata l-ħaddiem beda jitkellem ħażin u jidgħi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saħaq li dan huwiex aċċettabli u li ser jinforma l-kuntrattur immedjatament.

## *3.8 Quarterly Financial Report Q2 2019*

3.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li matul dan il-perjodu kien hemm defiċit ta' madwar €50,000 euro li hija żieda sostanzjali mid-defiċit li ġie rreġistrat fl-ewwel kwart tas-sena 2019. Hawnhekk rajna li f'dan il-kwart ġew imħallsin numru ta' proġetti kapitali li ħallew bilanċ negattiv fuq il-finanzi tal-Kunsill. B'hekk huwa importanti li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill joqgħod aktar attent mill-infieq sabiex dan id-defiċit jiġi rkuprat faċilment mill-fondi tal-UIF fuq il-proġett ta' Isouard ma Marsa Road. Wara li ħadd mill-Membri ma kellu mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.9 Fondi tan-Norveġja għal proġett soċjali fil-Marsa*

3.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill ser ikun eleġġibli sabiex jingħata fondi għal proġett soċjali fil-Marsa mill-fondi tan-Norveġja li dawn jistgħu jlaħħqu xejn inqas min €100,000. Is-Sindku spjega li kif ġie miftiehem fl-laqgħa li l-Kunsill kellu mall-Onorevoli Aaron Farrugia ġie maqbul li l-flus ta' proġett bħal dan ikun immirat sabiex issir Day Care Centre għall-anzjani, li huwa proġett tant mixtieq mir-residenti tal-lokal. Wara kien hemm diskussjoni dwar fejn ikun l-aħjar li jsir dan il-proġett ġie maqbul bejn il-Membri tal-Kunsill li l-post ta' dan id-Day Care Centre jkun fis-sular t'isfel fil-bini tal-Kunsill Lokali bil-għan li l-Kunsill jibbenefika mill-massimu tal-fondi allokkati. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.10 Skema ta' Restawr ta' Monument Storiku fil-Lokalita'*

3.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitlob lill-Kunsilli Lokali dwar il-finanzjament ta' restawr ta' binja storika fil-lokalita'. Wara diskussjoni ġie miftiehem fost il-Membri preżenti li l-Kappella ta' Ċejlu tkun għażla tajba għal dan ir-restawr.

Il-Kunsill is-Sur Dominic Spencer talab jekk f'din l-iskema tkunx possibli tiġi nkluża l-istazzjon tat-Tram. Is-Sindku qabel ma din il-possibilita'. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.11 Grant għal Miżuri t'Aċċessibilita' Sostenibbli*

3.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew il-Kunsill applika għal Grant għall-miżuri sostenibbli t'aċċesibilita' min Transport Malta. Il-Kunsill li jirbaħ l-ewwel premju ikun jista' jieħu l-massimu ta' €50,000. Huwa qal li sar ħafna xogħol mill-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jinstabu d-dettalji ta' x'tip ta' van jista' jintuża mill-Kunsill sabiex iwassal l-anzjani u persuni b'diżabilita' f'żoni oħra fil-lokalita' u l-madwar. Din it-tema kienet diġa' ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti fejn il-Kunsill xtaqt li jżid l-aċċessibilita' tal-anzjani fil-lokalita' u issa huwa il-mument opportun. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.12 Attivitajiet tal-Milied u l-Karnival*

3.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jagħti dettalji dwar attivitajiet li ser itella' l-Kunsill għax-xhur li ġejjin. Il-Kunsillier qal li peress li l-attivita' tal-Milied u tal-karnival jinvolvu ħafna preparazjoni min qabel talab lis-Sindku sabiex din l-item titla' f'din il-laqgħa. Huwa xtaq jieħu ideja dwar dak li jixtieq jagħmel il-Kunsill. Wara diskussjoni fost il-Membri preżenti ġie maqbul li l-Kunsill jixtieq li jagħmel Villaġġ tal-Milied u li jsir biswit il-Marigold Foundation taħt il-Pont ta' San Tumas. Id-dettalji tal-attivita' tal-Karnival ser tkun qed titla f'seduta oħra fix-xhur li ġejjin. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.13 Snapshot from the Borders- Attivitajiet*

3.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal fil-jiem li għaddew il-Kunsill kellu l-oppotunita' jiltaqa' mall-membri tal-KOPIN li flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Marsa qegħdin fi sħab ma Kunsilli oħra madwar l-Ewropa li huma milquta mill-fenomenu tal-immigrazjoni rregolari. Ilk-programm 'Snapshot on the Borders' wasal f'nofsu u bejn it-28 u t-30 t'Awissu ser jiġu fil-Marsa żewġ delegazzjonijiet, waħda mill-Ungerija u l-oħra mill-Bulgarija rispettivament. Sadanittant, il-Kunsill ser ikun qed jitlob żewġ Membri tal-Kunsill sabiex jirrapreżentaw il-lokalita' tal-Marsa fil-Bulgarija. Wara diskussjoni qasira ġie maqbul li f'dan nil-vjaġġ imorru l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.14 Installazzjoni ta' Cameras*

3.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fil-jiem li għaddew il-Membri tal-Kunsill iltaqgħu mall-LESA fejn ġew diskussi l-problemi tar-rimi ta' skart illegali u b'liema mod il-Kunsill

jista’ jieħu azzjoni effettiva kontra din il-problema. F’din il-laqgħa ġie miftiehem li l-Kunsill ser ikun qed jixtri cameras li jitweħħlu f’postijiet fejn ikun hemm dawn l-illegalitajiet u il-filmati tagħhom ikunu aċċessibli għall-istaff tal-LESA li b’mod immedjat ikunu jistgħu jħarrku dawn il-persuni. Sadanittant, is-Sindku qal li diġa’ bdew jinġabru stimi għal dan il-għan. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *3.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

3.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għall-25 ta’ Settembru fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 25 ta’ Settembru, 2019